MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 552/2010

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Giliane Valletta (Id. 169186M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' seba mija, tmienja u tmenin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€788.27) minghand il-konvenuta, in konnessjoni mas-servizz telefoniku bl-akkont numru 40095114. U peress illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-socjeta' attrici s-somma ta' seba mija, tmienja u tmenin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€788.27), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------